**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 239/2019 AF**

**Patrick Spiteri**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**u**

**l-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali tal-attur Patrick Spiteri, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Ir-rikorrent jinsab ghaddej minn proceduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla) vs Patrick Spiteri* bhalissa pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema proceduri ilhom ghaddejjin mis-sena 2008 (kaz numru 798/2008).

Dawn il-proceduri kienu bdew b'citazzjoni u r-rikorrent ma kienx tressaq taht arrest.

Però matul il-kors tal-proceduri r-rikorrent htieglu jiehu kura medika barra minn Malta u ghamel zmien jghix l-Ingilterra, matul liema perjodu huwa regolarment informa lill-prosekuzzjoni bl-indirizz tieghu u bl-andament tal-kura tieghu (fil-forma ta' certifikati medici).

Minkejja dan il-Prosekuzzjoni kienet talbet il-hrug ta' mandat ta' arrest ewropew (European Arrest Warrant) fil-konfront tal-esponent biex jingab lura Malta, u dan fi stadju meta l-magistrat sedenti kien ghadu kif inbidel u l-Prosekuzzjoni, fl-ewwel seduta quddiem il-Magistrat Josette Demicoli li kienet ghadha kif bdiet tippresjedi fuq il-kaz, talbet il-hrug ta' European Arrest Warrant fil-konfront tal-esponent minghajr ma nfurmat lill-Qorti li l-esponent kien zamm kuntatt mal-Prosekuzzjoni u li l-Prosekuzzjoni kienet taf fejn kien jinsab.

Sussegwentement inhargu ukoll kontra l-esponent numru ta' *European Arrest Warrants* ohra f'kawzi ohra li kienu pendenti kontra l-esponent.

L-esponent kien ikkontesta l-ismemmija *European Arrest Warrants* quddiem il-Qrati Inglizi u dawk il-Qrati ordnaw ir-ritorn tal-esponent izda biss in relazzjoni ghal uhud mill-akkuzi, u ghalhekk il-kawza numru 798/2008 hawn Malta setghet biss titkompla fir-rigward ta' dawk l-akkuzi li b'rabta maghhom kellu jingab hawn Malta l-esponent.

Eventwalment l-esponent ingab lura Malta taht arrest bis-sahha tal-European Arrest Warrant u wara li l-awtoritajiet Inglizi accertaw ruhhom li, minhabba l-istat prekarju ta' sahhtu, l-esponent ikun akkumpanjat minn tabib biex jivvjagga lejn Malta.

Sussegwentement l-esponent kien inghata l-helsien mill-arrest f'Dicembru 2017 fil-kawzi kollha li fihom kien imputat, izda inghatawlu kundizzjonijiet differenti ghal tali helsien fid-diversi kawzi.

Fil-kaz numru 798/2008 l-esponent inghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet indikati fid-digriet tat-18 ta' Dicembru 2017 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala **Dokument 'A'**, fosthom li ma jsifirx minn dawn il-Gzejjer jekk mhux bil-permess tal-Qorti u li jiddepozita fir-Registru tal-Qorti s-somma ta' €3,000 oltre garanzija personali ta' €30,000.

Matul il-kors tal-proceduri l-esponent talab diversi drabi varjazzjonijiet zghar fil-kundizzjonijiet tal-helsien tieghu mill-arrest bhal per ezempju l-hinijiet ta' rinkazar u dawn gew milqugha b'digrieti tal-14 ta' Frar 2018, tad-9 ta' Lulju 2018 u tal-21 ta' Dicembru 2018 (ara **Dokumenti 'B', 'C' u 'D'** hawn annessi).

Nhar is-6 ta' Gunju 2019 l-esponent intavola rikors (**Dokument 'E'**) fil-kawza 798/2008 fejn talab li jigu varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest sabiex huwa jkun jista' jaccetta kuntratt ta' impjieg.

L-esponent ilu dawn is-snin kollha minghajr ebda impjieg ghaliex ghad li huwa ghadu prezunt innocenti, ismu gie mxandar sew fil-media lokali u dment li l-proceduri kriminali ghadhom ghaddejjin hadd ma kien lest li jimpjegah minkejja l-kwalitajiet u kapacitajiet kollha li ghandu l-esponent.

Sa fl-ahhar l-esponent sab impjieg ma' kumpanija estera liema impjieg huwa jista' jizvolgi primarjament mir-residenza tieghu gewwa Malta izda jkun mehtieg li kull certu zmien isiefer ghal laqghat barra minn Malta biex jesegwixxi l-inkarigu tieghu.

L-esponent ghamel talba simili f'diversi kawzi li fihom huwa kellu kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest li jinvolvu restrizzjonijiet fuq is-safar.

B'digriet tal-31 ta' Mejju 2019 fil-kaz numru 139/2005 (**Dokument 'F'**) l-esponent inghata l-permess li jivvjagga biex huwa jkun jista' jaccetta dan l-impjieg.

Fir-rigward tal-kazijiet numri 234/2004, 385/2004 u 1068/2005 l-esponent ghadu qed jistenna digriet dwar it-talba tieghu.

B'digriet tas-16 ta' Lulju 2019 (**Dokument 'G'**) il-Qorti tal-Magistrati fil-kaz 798/2008 cahdet it-talba tar-rikorrent biex jinghata permess isiefer minhabba l-impjieg imsemmi.

L-esponent rega' intavola rikors iehor fil-25 ta' Lulju 2019 (**Dokument 'H'**) fejn mill-gdid huwa talab li jigu varjati l-kundizzjoniiet tal-helsien tieghu mill-arrest sabiex ikun jista' jimpjega ruhu u wara li inzammet seduta fil-21 ta' Awwissu 2019 li fiha l-esponent tella' diversi xhieda inkluz dik tad-direttur tal-kumpanija ma' liema l-esponent ghandu cans li jigi impjegat u seduta ohra fis-27 ta' Awwissu 2019 fejn il-partijiet ittrattaw ir-rikors tal-25 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Magistrati b'digriet tat-2 ta' Settembru 2019 (**Dokument 'I'**) akkordat lill-esponent il-permess li jsiefer u varjat il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest b'dan li l-esponent ikun permess isiefer barra minn Malta permezz ta' nota ta' hamest ijiem lavorattivi kull tielet gimgha tax-xahar, filwaqt li jkunu sospizi xi kundizzjonijiet ohra tal-helsien mill-arrest pendenti z-zmien li huwa jaghmel barra minn Malta.

L-Avukat Generali ittanta jimpunja dan id-digriet b'rikors lill-Qorti Kriminali tal-4 ta' Settembru 2019 (**Dokument 'J'**).

Il-Qorti Kriminali b'digriet tat-30 ta' Settembru 2019 (**Dokument 'K'**) laqghet it-talba tal-Avukat Generali biex id-digriet originali moghti fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Magistrati dwar il-libertà provizorja ma jinbidilx u ma jkun hemm l-ebda kundizzjoni li bis-sahha taghha l-esponent jista' b'xi mod jitlaq minn dawn il-gzejjer.

Fid-digriet taghha l-Qorti jidher li waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet numru ta' riflessjonijiet li meta wiehed jiflihom jirrizulta li m'humiex jirriflettu fedelment dak li hemm fl-atti.

Ghal din ir-raguni l-esponent talab ir-rikonsiderazzjoni tad-digriet tal-Qorti Kriminali tat-30 ta' Settembru 2019 u ghalhekk intavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali nhar il-11 ta' Ottubru 2019 li fih hemm elenkati r-ragunijiet kollha ghalfejn kienet qed tintalab tali rikonsiderazzjoni (**Dokument 'L'**).

Wara li l-Imhallef sedenti fuq il-Qorti Kriminali irrikuzat ruhha u l-Qorti giet rikomposta, b'digriet tas-7 ta' Novembru 2019 (**Dokument 'M'**) il-Qorti Kriminali diversament presjeduta cahdet it-talba tal-esponent wara li rrifjutat li tisma' x-xhieda li ried iressaq l-esponent, inkluz dwar garanziji ulterjuri li huwa kien f'pozizzjoni li joffri biex jizgura r-ritorn tieghu lejn Malta, u ma ghamlet l-ebda kunsiderazzjoni dwar jekk il-konkluzjonijiet tal-Qorti Kriminali fid-digriet tat-30 ta' Settembru 2019 kienux fondati fuq qari sewwa ta' dak li kien jirrizulta mill-process jew le; u fil-fatt il-Qorti Kriminali fid-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2019 strahet kompletament fuq dak li kienet qalet l-istess Qorti fid-digriet precedenti tat-30 ta' Settembru 2019 minghajr ma ghamlet l-icken riflessjoni jekk dik il-konkluzjoni kienitx wahda ragjonevoli fic-cirkostanzi jew jekk il-Qorti Kriminali kienitx qieset sewwa l-fatti; u ghalhekk effettivament ma saret l-ebda deliberazzjoni fuq dawk li kienu l-lanjanzi tal-esponent fir-rikors tieghu tal-11 ta' Ottubru 2019; illi ghalhekk gew miksura d-drittijiet fundamentali tal-esponent kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-procedura li biha ai termini tal-Artikolu 575(4A) tal-Kap. 9 l-Avukat Generali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali biex tvarja l-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest imposti mill-Qorti tal-Magistrati ma toffrix lill-esponenti l-garanziji kollha ta' smiegh xieraq kif sanciti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi l-procediment kollu jkun qieghed isehh quddiem il-Qorti tal-Magistrati izda d-decizjoni dwar il-helsien mill-arrest tal-imputat qed tigi b'dan l-artikolu afdata lil qorti ohra (il-Qorti Kriminali) li ma tkunx qed tghix il-kaz u li strettament lanqas biss tkun adita mill-proceduri.

Il-procedura msemmija fl-Artikolu 575(4A) m'hijiex strettament dritt ta' appell lill-Qorti Kriminali, u fil-fatt il-kaz jibqa' jitmexxa quddiem il-Qorti tal-Magistrati bil-konsegwenza anomala illi l-imputat ikollu l-kaz tieghu li qed jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati izda fl-istess hin il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu b'rabta ma' dak l-istess kaz jigu decizi mhux mill-Qorti li tkun qed tisma' l-kaz izda mill-Qorti Kriminali.

Il-fatt li l-imputat gie pregudikat minhabba li kienet Qorti ohra li ddecidiet dwar il-kundizzjonijiet tal-helsien tieghu mill-arrest jidher manifest meta wiehed jikkunsidra li l-Qorti Kriminali kif inizjalment presjeduta irrikadiet f'kunsiderazzjonijiet fattwalment zbaljati biex fuqhom hadet id-decizjoni tat-30 ta' Settembru 2019 filwaqt li l-istess Qorti kif diversament presjeduta naqset kompletament milli tezamina jekk id-digriet precedenti kienx inghata in bazi ta' qari korrett tal-atti processwali u rrifjutat li tisma' x-xhieda li ried iressaq l-esponent, u b'hekk cahdet ukoll it-talba ghar-rikonsiderazzjoni b'digriet tas-7 ta' Novembru 2019.

Illi terga' l-Artikolu 575(4A) ma jizgurax il-parità bejn il-partijiet fil-kawza (*equality of arms*) billi huwa biss l-Avukat Generali li ghandu dritt jirrikorri quddiem il-Qorti Kriminali biex jottjeni kundizzjonijiet differenti minn dawk li tkun iddeterminat il-Qorti tal-Magistrati; tant hu hekk illi kif digà spjegat meta l-ewwel talba tal-esponent biex jigi moghti l-permess isiefer minhabba xoghol giet rifjutata mill-Qorti tal-Magistrati huwa kellu jaghmel talba gdida quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati u jgib il-provi biex juri illi tassew il-Qorti seta' jkollha mohhha mistrieh li dan kien impjieg genwin u joffri l-garanziji kollha necessarji biex jassigura r-ritorn tieghu lejn Malta u l-prezenza tieghu fil-proceduri Kriminali, u ma kellux ukoll il-possibilità li jitlob lill-Qorti Kriminali tvarja hi l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest; illi l-fatt li l-Artikolu 575(4A) ma jizgurax *equality of arms* lill-partijiet fil-kawza jwassal ukoll ghal ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 29 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Aghar minn hekk il-Qorti Kriminali li ma ghexet xejn mill-kawza iddecidiet dwar it-talba tal-esponent ghar-rikonsiderazzjoni minghajr ma tat lill-esponent l-opportunità li jressaq ix-xhieda

tieghu qabel ma ghaddiet ghad-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2019 u b'hekk naqset li taghti lir-rikorrent smiegh xieraq fil-procedura mmexxija quddiemha bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq spjegati l-applikazzjoni u effetti tal-Artikolu 575(4A) tal-Kap. 9 u d-digrieti tal-Qorti Kriminali suesposti huma tali li jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Inoltre d-dritt tal-Avukat Generali li jirrikorri lejn il-Qorti Kriminali fic-cirkostanzi mahsuba fl-Artikolu 575(4A) huwa wiehed illimitat u jhalli lill-imputat fi stat ta' incertezza kbira ghaliex minkejja li huwa jkun ottjena l-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tieghu ghall-helsien mill-arrest l-Avukat Generali ma ghandu l-ebda terminu stipulat li fih jirrikorri ghall-procedura taht l-Artikolu 575(4A) bir-rizultat ghalhekk illi l-imputat ikun kontinwament fl-ansja li ghad jista' jigri li l-Avukat Generali jaghmel talba biex jihraxu l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest; u f'dan ir-rigward qieghdin jigu vvjolati kemm id-dritt tal-esponent ghal smiegh xieraq (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni) kif ukoll id-dritt tieghu ghal-libertà tal-persuna (Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 5 tal-Konvenzjoni).

Issa l-esponent spicca f'sitwazzjoni fejn ghalkemm il-gurisprudenza tghallem illi l-imputat ghandu dejjem ikollu dritt li jitlob varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, huwa fil-prattika ghandu digriet ta' Qorti Superjuri li donnha qed tikkristallizza l-pozizzjoni tieghu fis-sens illi d-digriet tat-30 ta' Settembru 2019 hu dak li hu u ma jistax jinbidel, u lanqas ma hu car jekk, sussegwentement ghad-digrieti tal-Qorti Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati tistax issa tirrikonsidera l-pozizzjoni u tikkontempla mill-gdid varjazzjonijiet ghall-helsien mill-arrest, minkejja li skond il-gurisprudenza stabbilita[1] l-imputat ghandu jkollu opportunità kostanti li jaghmel talba simili ghall-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-helsien tieghu mill-arrest.

[1] Ara *Dr Patrick Spiteri vs L-Avukat Generali et* deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2003.

Ghalhekk l-esponenti jtenni li l-Artikolu 575(4A) tal-Kap. 9 u d-digrieti tal-Qorti Kriminali tat-30 ta' Settembru 2019 u tas-7 ta' Novembru 2019 fuq imsemmija ghandhom l-effett li jivvjolaw id-dritt tieghu ghal-libertà tal-persuna kif protett bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Inoltre l-esponent attwalment jinsab fi stat ta' incertezza stante illi ghandu uhud mill-kawzi li fihom huwa inghata l-permess isiefer fuq xoghol u kawzi ohra fejn sa issa huwa ghadu ma ottjeniex tali permess, u huwa verament odjuz li imputat ikollu kundizzjonijiet differenti fi procedimenti li huma sostanzjalment simili, haga li tixhed ukoll in-nuqqas ta' oggettività fir-rifjut lill-esponenti li jigu varjati l-kundizzjonijiet imsemmija, minbarra l-fatt illi effettivament id-decizjoni tal-Qorti Kriminali kellha l-effett li ggib fix-xejn mhux biss il-kundizzjonijiet varjati ta' helsien mill-arrest li l-esponenti kien irnexxielu jottjeni fil-kawza numru 798/2008 izda wkoll dawk li huwa kien ottjena fil-kawza 139/2005 biex hekk effettivament huwa ma jistax juzufruwixxi mit-tnehhija ta' certi restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-persuna tieghu li huwa kien ottjena fil-kawza 139/2005; illi dan ukoll huwa bi ksur tad-drittijiet tal-esponent kif protetti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni.

Jigi rilevat ukoll illi l-Avukat Generali ma ghamel ebda talba lill-Qorti Kriminali biex iregga' lura l-effetti tad-digriet tal-31 ta' Mejju 2019 fil-kawza 139/2005, u dan meta essenzjalment f'dik il-kawza l-esponent kien inghata l-permess li jsiefer fuq xoghol minkejja li l-kawza (li l-akkuzi fiha huma simili hafna ghall-ohra bin-numru 798/2008) ghadha pendenti, u ghalhekk wiehed qajla jifhem kif l-esponent jista' jkun ikkunsidrat affidabbli bizzejjed li jinghata l-permess isiefer ghall-fini tal-kawza numru 139/2005 izda mhux ukoll ghall-fini tal-kawza numru 798/2008.

Issa l-esponent ilu oltre sentejn li inghata l-helsien mill-arrest u matul dan iz-zmien huwa wera li huwa persuna affidabbli u dejjem attenda ghas-seduti u ghalhekk huwa odjuz ghad-dritt tieghu ghal-libertà tal-persuna li huwa jibqa' marbut b'kundizzjonijiet strettissimi wara dan iz-zmien kollu.

Jigi rilevat illi l-kawza numru 798/2008 sa issa hadet aktar minn dak li jista' jitqies bhala zmien ragjonevoli u l-prosekuzzjoni ma

mexxietx il-kaz bid-diligenza misthoqqha biex jinghalaq fi zmien ragjonevoli, u ghalhekk aktar ma jtul iz-zmien aktar isir imperattiv li l-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest tal-esponent ma jkunux stretti zzejjed u l-kontinwata cahda lill-esponent li jsiefer f'okkazjonijiet meta jkun mehtieg li hekk jaghmel b'rabta ma' xoghol hija ghalhekk aktar u aktar ingustifikata.

Ghalhekk fic-cirkostanzi c-cahda lill-esponent biex jinghata l-permess li jsiefer kull tant zmien fuq xoghol huwa wkoll bi ksur tad-dritt tal-esponent ghal-liberta' tal-persuna tieghu kif protett bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

Jigi rilevat ukoll illi precedentement fil-proceduri numru 798/2005 mertu ta' dan ir-rikors l-esponent kemm-il darba, u anzi regolarment, kien jinforma lill-Qorti meta kien ikollu jsiefer u l-esponenti dejjem irritorna lura Malta, avolja ma kien hemm l-ebda mandat ta' arrest fil-konfront tieghu. Eventwalment l-esponenti kien informa lill-pulizija li t-tobba (l-Ingilterra) kienu avzawh ma jsifirx iktar sakemm jaghmlu dijanjosi tal-marda tieghu – minkejja li l-esponenti ma kienx taht arrest, kien jibghat jinfurma bl-andament ta' din id-dijanjosi ghal kull seduta. Ghalhekk aktar u aktar il-fatt li l-esponent issa gie mxekkel milli jimpjega ruhu b'effett tac-cahda ghat-talba tieghu li jsiefer igib sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet li ghadhom attwalment imposti fuqu qieghdin jilledu d-dritt fundamentali tieghu ghal-libertà tal-persuna kif protett mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

Ghalhekk ghad-diversi ragunijiet elenkati f'dan ir-rikors l-esponent qieghed jillanja mill-fatti kif suesposti u jirritjeni li b'effett tad-digrieti tal-Qorti Kriminali fuq imsemmija u b'effett tal-Artikolu 575(4A) tal-Kap. 9 qieghdin jigu lezi fil-konfront tieghu l-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Inoltre l-esponent ilu issa snin twal minghajr impjieg u mhux ragjonevoli li huwa jibqa' mcahhad milli jghajjex lilu nnifsu u lill-familja tieghu meta ghandu opportunità konkreta ta' impjieg.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Ewropea kull persuna cittadina tal-Unjoni ghandha dritt li tfittex impjieg fi kwalsijasi stat membru, izda per konsegwenza tad-digrieti msemmija l-esponent spicca effettivament imcahhad minn dan id-dritt tieghu Ewropew.

Bhala ligi tal-Unjoni Ewropea l-Artikolu 15 imsemmi jorbot ukoll lill-ordinament guridiku Malti u ghandu effett dirett hawn Malta u kwindi dawn il-Qrati huma tenuti li jaghtu kunsiderazzjoni u effett lil dak provdut fil-Karta tad-Drittijiet Ewropea.

Ghalhekk it-thaddim tal-ligijiet penali u proceduri penali ghandu jsehh b'tali mod li dawn jaghtu effett u jkunu konformi mad-drittijiet naxxenti mill-Karta tad-Drittijiet Ewropea, u fin-nuqqas li jsir hekk la jista' jinghad li l-esponent kellu smiegh xieraq u lanqas li l-libertà tal-persuna tieghu qed tigi adegwatament rispettata; li jfisser ukoll illi l-qafas tal-ligijiet Ewropej li llum jorbtu wkoll lill-ordinament guridiku Malti ma jistax jigi injorat fit-thaddim tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kif mharsa mill-Konvenzjoni Ewropea.

Peress illi f'kaz ta' ezitu favurih l-esponent ikun jista' jaccetta l-impjieg imsemmi li sa issa ghadu offrut lilu, l-esponent ghandu interess li din il-kawza timxi b'mod spedittiv sabiex huwa ma jitlifx l-opportunita' ta' xoghol li ghandu, u ghalhekk huwa qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta u tisma' din il-kawza bl-urgenza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tappunta u tisma' din il-kawza bl-urgenza.

2. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti d-digrieti tal-Qorti Kriminali tat-30 ta' Settembru 2019 u tas-7 ta' Novembru 2019 fil-kawza 798/2008 huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

3. Konsegwentement thassar u tirrevoka l-istess digrieti.

4. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet esposti brevement f'dan ir-rikors l-Artikolu 575(4A) tal-Kap. 9 huwa leviz tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement tiddikjara li l-istess Artikolu huwa bla effett fil-konfront tar-rikorrent u tannulla kull procedura maghmula bis-sahha ta' dak l-artikolu fil-kaz tar-rikorrent numru 798/2008, inkluz li tannulla d-digrieti tal-Qorti Kriminali tat-30 ta' Settembru 2019 u tas-7 ta' Novembru 2019.

5. Taghti kull rimedju iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni biex tispurga l-vjolazzjonijiet fuq riskontrati.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha gie eccepit illi:

Il-lanjanzi kostituzzjonali huma marbutin mal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kif imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kumpilazzjoni numru 798/2008 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Ian Abdilla) vs Patrick Spiteri*. B'mod partikolari r-rikorrent qed jilmenta minn digrieti tal-Qrati penali fejn talab biex ikun jista jsiefer sabiex jahdem barra minn Malta liema talbiet gew michuda u kif ukoll mill-artikolu 575(4A) tal-Kap 9.

Preliminarjament l-esponenti ser jindirizzaw t-talba tar-rikorrent biex din il-kawza tinstema' b'urgenza. Dwar dan jinghad li kawza kostituzzjonali hija azzjoni straordinarja li minnha innifisha tirrikjedi li s-smigh u d-decizjoni jinghataw b'certa heffa. Fil-kaz odjern, ma hemmx ragunijiet daqshekk impellenti jew specjali biex din il-kawza partikolari tinstema' b'urgenza iktar minn ohrajn li ghandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda.

In linea preliminari ukoll, gialadarba l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, dina l-azzjoni kostituzzjonali hija wahda prematura. Dan qieghed jinghad stante li l-procediment li minnu qieghed jilmenta r-rikorrenti ghadu fi stadju ta' kumpilazzjoni bil-konsegwenza li f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li proceduri kriminali jigu diskussi u trattati *in vacuo*.

Gie stabbilit b'mod kostanti fil-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja li biex tinsab lezjoni tas-smiegh xieraq kif imhares taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalità tieghu. Bhala regola, sabiex jkun jista' jigi apprezzat jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru izda irid ihares u jezamina jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri jkunux jew le kondotti b'gustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara *Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et* deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996).

Sabiex jigu applikati l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu ta' bilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Generali* deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (*Pullicino vs Onor. Prim Ministru et* deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

Ir-rikorrenti ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li gie miksur id-dritt tieghu ta' smigh xieraq semplicement minhabba nuqqas ta' dritt ta appell minn cahda ghal-talba biex ikun jista isiefer fuq xoghol. Ladarba l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, allura r-rikorrenti jgawdi mis-salvagwardji kollha tal-process gudizzjarju.

Ghalhekk il-fatt wahdu li r-rikorrenti qieghed jqajjem allegazzjonijiet kif imfissra aktar il fuq f'dina r-Risposta tali allegazzjonijiet ma ssostnux l-ilment tal-ksur ta' dritt ta' smigh xieraq ghaliex dawn wahidhom mhumiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa ghal kollox intempestiv u prematur. Jigi b'hekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq jista' jigi ezaminat biss ladarba l-process kriminali tieghu jigi konkluz.

Ir-rikorrenti qieghed specifikatament jitlob ir-revoka u t-thassir ta' zewg digrieti li inghataw mill-Qorti Kriminali datati 30 ta' Settembru 2019 u 7 ta' Novembru 2019. Dan minnu innifsu huwa abbuz ta' procedura peress li r-rikorrent ma jistghax juza proceduri kostituzzjonali biex din l-Onorabbli Qorti tirrevedi jew thassar digirieti li inghataw b'mod legittimu minn Qrati ordinarji u ghalhekk taghmilha ta' Qorti ta revizjoni jew tal-appell.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja jibda biex jinghad li dawn l-artikoli huma intizi sabiex iharsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Illi sabiex id-detenzjoni ma tkunx wahda arbitrarja skont l-artikolu msemmi dik id-detenzjoni trid tkun skont il-ligi u konsistenti mal-ghan tal-istess artikoli u cioe' li l-indivdwu jigi mhares mill-arbitrarjetà. Illi madanakollu dan il-principju mhuwiex wiehed assolut u dan stante li dan l-artikolu jikkontjeni lista ezawrenti tar-ragunijiet li ghalihom tista' titnehha l-libertà ta' xi persuna.

Uhud mir-ragunijiet li skont l-artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jiggustifikaw il-privazzjoni mil-libertà huma dawk mahsuba fil-paragrafu (b) u (c) tal-istess artikolu u cioè meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-ligi u effetwata sabiex il-persuna tigi migjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti. L-artikolu 34 (e) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar li l-libertà personali tista' tigi ipprivata sabiex persuna tinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti.

Fi kwalunkwe kaz l-esponenti jinsabu ferm perplessi b'din il-lanjanza tar-rikorrenti u dan ghaliex ma jirrizultax li fil-prezent

hemm xi restrizzjonijiet fuq il-libertà tieghu apparti ovvjament dawk relatati mal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest liema kundizzjonijiet gew impost legittimament mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Galadaraba r-rikorrent qieghed jigi akkuzat li wettaq reati kriminali irid neccessarjament joqghod ghal-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti inkluz id-digrieti li inghataw mill-Qorti Kriminali.

Dak li sar fil-konfront tar-rikorrenti huwa skont il-ligi u ma hemmx l-elementi sabiex din l-Onorabbli Qorti issib li sehhet vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-konvenzjoni Ewropa u/jew tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

Kif digà inghad aktar qabel, ir-rikorrent qieghed jilmenta mill-artikolu 575(4A) tal-Kap. 9 u dan ghaliex skont hu jinstab fi zvantagg stante li huwa, a differenza ghall-Avukat Generali, ma jistax jappella mill-fatt li ma jigix akkordat il-helsien mill-arrest u mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Illi dwar dan jinghad li wiehed ma jridx jinsa illi l-istess rikorrenti ghandu kull dritt li jipprezenta rikors f'kull waqt quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti Kriminali skont il-kaz sabiex jitlob varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kif ghamel ir-rikorrenti stess huwa matul dawn is-snin kollha minn meta tressaq il-Qorti akkuzat fis-sena 2008. Ma jfissirx li ghax talba tkun revokata minn Qorti dan iwassal ghal-vjolazzjoni ta` xi jedd fondamentali ta` min ghamel it-talba.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-persuna akkuzata ma ghandhiex dritt ta' revizjoni ta' decizjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u dan ghall-kuntrarju tad-dritt li ghandu l-Avukat Generali, l-esponenti jirrileva li f'kaz li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti Kriminali tichad it-talba, l-akkuzat ghandu d-dritt li jipprezenta talba ohra liema talba toffri salvagwardji bizzejjed sabiex awtorità gudizzjarja tezamina jekk kundizzjoni partikolari ghadhiex neccessarja. F'dan il-kaz il-Qorti Kriminali rat l-oggezzjonijiet tal-Avukat Generali sabiex ir-rikorrent jithalla isiefer biex ikun jista' jahdem barra minn Malta rat ukoll ir-risposta tar-rikorrent u finalment fis-sapjenza taghha waslet ghad-decizjoni li l-oggezzjonijiet tal-Avukat Generali kienu gustifikati u ghalhekk irrevokat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati. M'hemm xejn irregolari dwar

dan kollu jew li sehhet vjolazzjoni tal-jeddijiet li jsemmi r-rikorrent.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur ta' dritt ghal smigh xieraq kif protett permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ewwel kwistjoni li qed jillamenta minnha r-rikorrenti huwa ksur tal-*equality of arms* filwaqt li t-tieni kwistjoni hija li l-akkuzat ma ghandux dritt ta' appell minn cahda tat-talba ghall-varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest abbazi tal-artikolu 575(4A).

In kwantu ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstemgha minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi.  L-Artikolu 6 (1) jipprovdi wkoll li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalità tieghu.  L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika.

Jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' ntralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gjust.

Ma hemm l-ebda dubju li l-procedura in konfront tar-rikorrenti qieghdha tinstema' minn 'qorti' u cioè mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk ir-rekwiziti ta' 'tribunal' li ghalih jirreferi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 'qorti' li ghalih jirreferi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma sodisfatti u f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Le Compte, Van Leuven and Meyere** deciza fit-23 ta' Gunju 1981 fejn gie stabbilit illi '*... the use of the term "tribunal" is warranted only for an organ which satisfies a series of further*

*requirements – independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office, guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of article 6 (1) itself'.*

Il-fatt fih innifsu illi l-Qorti hija presjeduta minn Magistrat hija garanzija fiha nnfisha ta' indipendenza u imparzjalità. In oltre, il-procedura nnifisha toffri garanziji estensivi biex jissalvagwardjaw lill-gudikant minn pressjonijiet esterni. L-esponenti jirrilevaw ukoll li l-fatt li ligi tipprovdi access limitat ghall-Qorti bl-ebda mod ma jfisser li hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Tali restrizzjonijiet u limitazzjonijiet huma permissibbli u mhux lezivi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Illi l-punt kardinali relatat mal-kaz odjern jibqa' li dan id-dritt ghall-appell jista' jkun limitat u dan kien stabbilit mill-inqas sa mill-1994 fil-kaz *Fayed v UK*. Il-Qorti Ewropea stabilliet ukoll f'diversi kazijiet illi anke meta individwi ikunu prekluzi milli jadixxu lill-qorti ghal ragunijiet differenti, dan ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ta' access ghall-qorti jew li b'xi mod gie miksur il-principju tal-*equality of arms*.

F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferi wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet *Devenney v. The United Kingdom* fejn il-Qorti Ewropea osservat illi dawn il-limitazzjonijiet '*... are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State*'.

In-nuqqas ta' appell minn cahda ta' talba mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ma jirrikaw l-ebda zvantagg fuq ir-rikorrenti bhala persuna akkuzata b'reat u dana stante li r-rikorrenti ghandu access ampju u illimitat sabiex jitlob il-varjazzjoni tal-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest quddiem il-Qrati penali. Wara kollox ir-rikorrent stess ghamel numru kbir ta` rikors fejn talab varjetà ta' affarijiet u li kollha ghandhom x`jaqsmu mal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

Isegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat illi permezz ta' digriet tal-25 ta' Ġunju 2020, ir-rikorrent ġie awtorizzat iżid is-segwenti talbiet mar-rikors promotur tiegħu:

B'din il-kawza l-esponent qieghed jitlob li jigi dikjarat li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u dan in konnessjoni mal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tal-esponenti fil-kuntest tal-kaz kriminali numru 798/2008 kif ahjar spjegat fir-rikors promotur f'din il-kawza.

Irrizulta fil-kors ta' din il-kawza illi l-uniku bazi ghall-arrest tal-esponent kien il-mandat ta' arrest Ewropew (European Arrest Warrant) mahrug fi-konfront tieghu u li bis-sahha tieghu huwa ngab hawn Malta.

Hlief ghal tali mandat ta' arrest Ewropew ma kien inhareg l-ebda ordni jew mandat ta' arrest taht il-ligi Maltija ghall-arrest tal-esponent gewwa Malta in konnessjoni mal-kaz kriminali numru 798/2008.

L-ebda mandat ta' arrest Ewropew ma ghandu jinhareg jekk ma jkunx hemm almenu mandat ta' arrest mahrug taht il-ligi tal-pajjiz u applikabbli fit-territorju tal-pajjiz li jkun qed ifittex li jipprocessa lill-persuna li taghha tintalab l-estradizzjoni.

Fil-fatt skond l-Artikolu 8(1)(c) tal-Council Framework Decision of the 13th June, 2002 on the European arrest warrant and the surrender procedures between Member States, mandat ta' arrest Ewropew ghandu jikkontjeni fih: 'evidence of an enforceable judgement, an arrest warrant or any other enforceable judicial decision having the same effect, coming within the scope of Articles 1 and 2'.

Ma jirrizultax li kien hemm xi mandat ta' arrest mahrug hawn Malta fil-konfront tal-esponenti indipendenti mill-mandat ta' arrest Ewropew u lanqas huwa l-kaz li kien hemm xi sentenza enforzabbli kontra l-esponent moghtija hawn Malta, u ghalhekk

wiehed mir-rekwiziti essenzjali tal-Artikolu 8 tal-imsemmija Framework Decision jirrizulta li kien mankanti.

B'hekk jidher li l-mandat ta' arrest Ewropew inhareg fil-konfront tal-esponenti minghajr ma kien hemm bazi adegwata skond il-ligi biex jinhareg.

Ghalhekk l-esponent spicca biex tilef il-libertà personali tieghu konsegwenza ta' mandat ta' arrest Ewropew mahrug mhux skond il-ligi u bi vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-imsemmija Council Framework Decision u minghajr ma inghata l-garanziji li trid il-Kostituzzjoni fl-Artikolu 34 u l-Konvenzjoni Ewropea fl-Artikolu 5.

Sussegwentement ghall-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew fil-konfront tieghu l-esponent spicca soggettat ghal numru ta' kundizzjonijiet fuq il-libertà tieghu billi inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, u llum qieghed f'sitwazzjoni fejn ma jistax jaccetta kuntratt ta' impjieg minhabba li l-Qrati nostrani ma kkoncedewlux il-possibilità li huwa jsiefer barra minn Malta fuq xoghol waqt li ghadhom ghaddejjin il-proceduri kriminali bin-numru 798/2008.

L-esponent jikkontendi illi galadarba ma kien hemm l-ebda mandat ta' arrest nazzjonali mahrug fil-konfront tieghu indipendentement mill-mandat ta' arrest Ewropew l-esponent ma setax jigi mxekkel fil-libertà personali tieghu u kull kundizzjoni li tahtha huwa inghata l-helsien mill-arrest hija bi ksur tad-dritt tieghu ghall-libertà personali tieghu u ma setax aktar jinzamm taht arrest hawn Malta jew jinghata helsien mill-arrest ikkundizzjonat.

Ghal dawn ir-ragunijiet jirrizulta li l-esponent sofra wkoll vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u jixtieq li jaghmel aggunta mat-talbiet tieghu f'din il-kawza biex b'hek/k jitlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi kwalsiasi arrest tal-esponenti wara li ngab hawn Malta bis-sahha tal-Mandat ta' Arrest Ewropew kien bi ksur u vjolazzjoni tal-imsemmija artikoli u illi kwalunkwe kundizzjoni imposta fuq il-

libertà personali tiegħu hija għalhekk vjolattiva tal-istess drittijiet fundamentali tiegħu.

Għaldaqstant l-esponent qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi provvedimenti li jidhrilha xieraq jew necessarju u għall-ekonomija tal-gudizzju, tawtorizza lill-esponent izid is-segwenti talbiet mar-rikors promotur tiegħu, u cioè:

1. Tiddikjara illi z-zamma tal-esponent taħt arrest f'Malta bis-saħħa tal-mandat ta' arrest Ewropew maħrug fil-konfront tiegħu dwar l-allegati reati mertu tal-kawza numru 798/2008 saret bi ksur u vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. Tiddikjara illi l-kundizzjonijiet kollha mposti fuq l-esponent għall-ottjeniment tal-ħelsien mill-arrest tiegħu in segwitu għar-ritorn tiegħu f'Malta wara l-esekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta' arrest Ewropew huma wkoll vjolattivi tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

3. Konsegwentement tiddikjara l-arrest tal-esponenti f'Malta wara r-ritorn tiegħu bis-saħħa tal-Mandat ta' Arrest Ewropew bħala illegali, irritu, null u mingħajr effett, u tħassar u tannulla kull decizjoni li permezz tagħha l-esponent inzamm arrestat hawn Malta dwar l-allegati reati mertu tal-kawza nurmu 798/2008, u tordna t-tħassir tal-kundizzjonijiet kollha mposti mill-Qrati Maltin fuq l-esponent għall-ottjeniment tal-ħelsien tiegħu minn tali arrest, u tagħti kull ordni li jidhrilha xierqa jew necessarja sabiex tizgura r-rispett lejn il-libertà tal-persuna tal-esponent.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti permezz tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-kors tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Patrick Spiteri (798/2008).

Mill-provi prodotti jirriżulta f'Awwissu tal-2008, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat talli fis-snin ta' qabel approprija ruħu u dawwar bi qligħ għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn €2,329.37 għad-detriment ta' Peter u Patricia Clarke u ta' Mario Somma. Huwa kien akkużat ukoll li għamel qligħ b'qerq fil-konfront tal-imsemmija persuni billi għamel falsifikazzjoni.

Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq. Mis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2014 ir-rikorrent ma baqax jidher għas-seduti għaliex kien telaq minn Malta mingħajr ma talab il-permess tal-Qorti u mingħajr ma informa lill-Qorti fejn seta' jinstab.

Fl-20 ta' Ottubru 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ħarġet mandat ta' arrest Ewropew fil-konfront tar-rikorrent sabiex jiġi estradit lura lejn Malta u jissoktaw il-proċeduri kriminali varji pendenti kontrih, fosthom dik mertu ta' din il-kawża.

Ir-rikorrent inġieb lura Malta f'Mejju tal-2017 u l-ewwel seduta tal-proċeduri kriminali li għaliha reġa kien preżenti kienet tal-31 ta' Mejju 2017. Għalkemm dawk il-proċeduri jinstabu fl-istadju tal-provi tar-rikorrent, effettivament għadu ma sar xejn minħabba li r-rikorrent qajjem numru ta' kwistjonijiet proċedurali. F'Diċembru 2017 ir-rikorrent ingħata ħelsien mill-arrest soġġett għal diversi kundizzjonijiet, fosthom illi ma jsifirx minn dawn il-Gżejjer

Ir-rikorrent jgħid illi fl-2019 irnexxielu jsib xogħol li għalkemm jista' jsir primarjament minn Malta, huwa meħtieġ li kull tant

żmien isiefer għal-laqgħat barra minn Malta sabiex jesegwixxi l-inkarigu tiegħu. Huwa għalhekk intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li, wara li semgħet ix-xhieda li ressaq ir-rikorrent, b'digriet tat-2 ta' Settembru 2019 akkordat lir-rikorrent permess sabiex isiefer ħamest ijiem kull tielet ġimgħa tax-xahar.

Madanakollu, l-Avukat Ġenerali pproċeda quddiem il-Qorti Kriminali permezz ta' rikors skont l-artikolu 575(4A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jimpunja d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti Kriminali laqgħet ir-rikors tal-Avukat Ġenerali permezz ta' digriet tat-30 ta' Settembru 2019 fejn ordnat illi d-digriet oriġinali mogħti lir-rikorrent mill-Qorti tal-Maġistrati dwar il-libertà proviżorja ma jinbidilx u ma jkun hemm l-ebda kundizzjoni li tippermetti li b'xi mod jitlaq minn dawn il-Gżejjer.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti Kriminali terġa tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha iżda permezz ta' digriet tas-7 ta' Novembru 2019 il-Qorti Kriminal diversament komposta ċaħdet it-talba tar-rikorrent wara li ċaħdet ukoll it-talba tiegħu sabiex, bil-ħsieb illi tirrivoka d-digriet tagħha tat-30 ta' Settembru 2019, terġa tisma d-deposizzjoni ta' wħud mix-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Ir-rikorrent jilmenta li ġie leż id-dritt tiegħu għal-libertà tal-persuna minħabba li i) inżamm taħt arrest u ġew imposti fuqu kundizzjonijiet għal ħelsien mill-arrest provviżorju (*bail*) meta ma hemm l-ebda mandat t'arrest viġenti kontrih u ii) huwa miżmum b'dawn il-kundizzjonijiet milli jsiefer fuq xogħol kull tant żmien.

A tenur tal-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni:

> *"Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin*
>
> *...*
>
> *(e) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti jew quddiem il-Kamra tad-Deputati fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' dik il-Kamra;*

*(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali."*

Skont l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea:

*"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi;*

*...*

*(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;"*

Il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-ilment tar-rikorrent illi huwa miżmum milli jsiefer u b'hekk ma jistax isib impieg. L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tqis illi dan l-ilment ma jistax jitqies taħt il-kappa tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni in kwantu li restrizzjoni fuq safar mhijiex privazzjoni mil-libertà kif maħsub f'dawn iż-żewġ artikoli.

Kif ingħad mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' De Tommaso v Italy, tat-23 ta' Frar 2017:

"[The Court] *reiterates at the outset that in proclaiming the "right to liberty", paragraph 1 of Article 5 contemplates the physical liberty of the person. Accordingly, it is not concerned with mere restrictions on liberty of movement, which are governed by Article 2 of Protocol No. 4.*"

Huwa t-tieni artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni li huwa applikabbli għal dan l-ilment tar-rikorrent:

*"1. Kull min ikun b'mod leġittimu fil-limiti tat-territorju ta' xi Stat għandu, fil-limiti ta' dak it-territorju, ikollu d-dritt għal-libertà ta' moviment u l-libertà li jagħżel ir-residenza tiegħu.*

*2. Kulħadd ikun liberu li jitlaq minn xi pajjiż, inkluż dak tiegħu nnifsu.*

*3. Ma għandhom jitqegħdu ebda restrizzjonijiet fuq l-eserċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu skont il-liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika f'kull interess tas-sigurtà nazzjonali jew tas-sigurezza pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubbliku, għall-prevenzjoni ta' reati, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.*

*4. Id-drittijiet stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu wkoll suġġetti, f'arei partikolari, għal restrizzjonijiet imposti skont il-liġi u li jkunu ġustifikati bl-interess pubbliku f'soċjetà demokratika."*

Stabbilit dan, sa fejn ir-rikorrent qiegħed jilmenta dwar restrizzjoni fuq safar bħala kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti tqis illi ma seħħet l-ebda leżjoni tad-dritt tiegħu għal-libertà tal-moviment in kwantu li m'hemmx dubju din ir-restrizzjoni hija aċċetabbli f'soċjetà fejn tirrenja s-saltna tad-dritt tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent kellu jinġieb lura Malta bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew sabiex setgħu jissoktaw il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu wara li għeb għal kważi tlett snin.

Fil-fatt, restrizzjonijiet fuq safar bħala waħda mill-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest tal-akkużat ma jistgħux jitqiesu leżivi tad-dritt fundamentali tiegħu għal-libertà tal-moviment. Kif proprju osservat il-Kummissjoni tal-Qorti Ewropea fil-każ ta' Schmid v Austria, tad-9 ta' Lulju 1985:

*"2. … The applicant further alleges a breach of Article 2 of Protocol No. 4 to the Convention in that the continuing bail conditions, applied even after the applicant's release from detention … prevented him from leaving the country and, because they involved denial of his travel papers, also prevented him from moving around within the country … the Commission considers that the restrictions permitted by para. 3 of Article 2 of Protocol No. 4 must in the present case be read in conjunction with the final sentence of para. 3 of*

*Article 5 of the Convention. The applicant was released pending trial and "guarantees to appear for trial" were imposed. The Commission considers that there is no reason why those guarantees should be limited to monetary security. It further considers that in the circumstances the bail requirements, insofar as they restricted the applicant's choice of residence and his freedom to move within the country and abroad, were "in accordance with law and … necessary in a democratic society … for the prevention of crime …". They were thus covered by para. 3 of Article 2 of Protocol No. 4."*

Hekk ukoll, dwar il-konfiska tal-passaport ta' akkużat, il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Iletmis v Turkey, tas-6 ta' Diċembru 2005 kienet qalet li:

"*As to whether the measure was "necessary in a democratic society", that is, whether it corresponded to a "pressing social need" and was proportionate to the legitimate aim pursued, the Court notes at the outset that the Convention finds no fault with preventive measures of this type …*"

Ir-rikorrent imbagħad jorbot l-ilment tiegħu dwar il-libertà tal-persuna mal-fatt illi fil-konfront tiegħu nħareġ biss mandat ta' arrest Ewropew. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha ta' din il-kawża, inkluż il-kopja elettronika tal-atti tal-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Patrick Spiteri (798/2008) minn fejn jirriżulta li l-uniku mandat ta' arrest li kienet ħarġet il-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tiegħu u ċioè dak tal-20 ta' Ottubru 2014, kien fil-fatt mandat ta' arrest Ewropew maħruġ ai termini tal-artikolu 62 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 – Ordni Dwar Pajjiżi Barranin Appuntati Dwar l-Estradizzjoni.

Għalhekk, u għalkemm skont l-artikolu 62 ta' din il-liġi mandat maħruġ taħt dik it-taqsima huwa mandat ta' arrest, ir-rikorrent għandu raġun jgħid illi fil-konfront tiegħu qatt ma kien ħareġ mandat ta' arrest nazzjonali.

It-teżi tar-rikorrent hija li seħħet leżjoni tad-dritt tiegħu għal-libertà tal-persuna meta nżamm taħt arrest f'Malta minn Mejju sa Diċembru tal-2017 u sussegwentement meta ġew imposti

fuqu kundizzjonijiet għal ħelsien mill-arrest abbażi tal-mandat ta' arrest Ewropew mingħajr ma jeżisti mandat ta' arrest nazzjonali.

L-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (Leġislazzjoni Sussidjara 276.05) hija l-liġi li biha ġiet implimentata fl-ordinament ġuridiku tagħna l-proċedura tal-*European Arrest Warrant* introdott permezz tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2002. Id-Deċiżjoni Qafas ipprovdiet mekkaniżmu aktar effiċjenti sabiex tiżgura li l-fruntieri miftuħa ma jiġux sfruttati minn dawk li jfittxu li jevadu l-ġustizzja, u kkontribwiet għall-objettiv tal-Unjoni Ewropea li tiżviluppa u żżomm spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-2 ta' Lulju 2020).

Skont l-ewwel artikolu tad-Deċiżjoni Qafas, il-mandat ta' arrest Ewropew hu deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop tal-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

Mandat ta' arrest Ewropew jista' jinħareġ għall-atti li huma punibbli mil-liġi tal-Istat Membru emittenti permezz ta' piena li ċċaħħad il-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar jew, fejn tkun ingħatat piena jew saret ordni ta' detenzjoni, għall-pieni ta' mill-inqas erba' xhur.

L-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas jistipula r-rekwiżiti dwar il-kontenut ta' mandat ta' arrest Ewropew. B'mod partikolari dan jinkludi '*il-prova ta' sentenza li tista' tiġi nfurzata, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja li tista' tiġi nfurzata oħra li għandha l-istess effett, li taqa' fl-iskop ta' l-Artikoli 1 u 2'*.

Il-Qorti tal-Maġistrati u l-intimati qed jistrieħu fuq il-mandat ta' arrest Ewropew billi l-artikolu 62(4) tal-L.S. 276.05 jitkellem dwar tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali. Fid-digrieti tagħha tal-15 ta' Settembru 2017 u tal-20 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Maġistrati qieset li peress dan ġie rifless fil-mandat ta' arrest

Ewropew, l-effetti tal-istess mandat ma spiċċawx fil-mument li r-rikorrent inġieb lura Malta.

Madanakollu, ir-rikorrent għandu raġun meta jgħid illi skont ma ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-mandat ta' arrest li jagħmel riferenza għalih l-artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas, irid ikun distint mill-mandat ta' arrest Ewropew innifsu sabiex ikun iggarantit l-ogħla livell ta' protezzjoni ġudizzjarja.

Fil-kawża bin-numru C-241/15 li kienet talba għal deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell tar-Rumanija, fil-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra Niculaie Aurel Bob-Dogi, deċiża fl-1 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha xi tgħid hekk:

> *"20. Din il-qorti tqis li jeżistu differenzi fundamentali bejn mandat ta' arrest Ewropew u mandat ta' arrest nazzjonali. Għalhekk, b'mod partikolari, mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ biex tiġi arrestata u kkonsenjata persuna, akkużata jew ikkundannata, li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, filwaqt li mandat ta' arrest nazzjonali jinħareġ biex tiġi arrestata persuna li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru emittenti.*
>
> *…*
>
> *42. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm id-Deċiżjoni Qafas ma tinkludix id-definizzjoni tal-espressjoni "mandat ta' arrest", li tinsab fl-Artikolu 8(1)(c) tagħha, il-kunċett ta' "mandat ta' arrest Ewropew" huwa ddefinit fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas bħala li huwa "deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni".*
>
> *43. Huwa dan il-kunċett ta' "mandat ta' arrest Ewropew" li jintuża b'mod sistematiku fit-titolu, fil-premessi u fl-artikoli tad-Deċiżjoni Qafas, ħlief għall-Artikolu 8(1)(c), u dan jagħti l-wieħed x'jifhem li din id-dispożizzjoni tirrigwarda mandat*

*ta' arrest ieħor li ma huwiex il-mandat ta' arrest Ewropew imsemmi fid-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tad-Deċiżjoni Qafas, u għalhekk jista' jkun biss mandat ta' arrest nazzjonali.*

*…*

*45. Barra minn hekk, filwaqt li għall-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi l-prattika tal-proċedura msejħa "ssimplifikata" tikkostitwixxi eċċezzjoni li tapplika biss fil-każ fejn minn indizji jirriżulta li, meta nħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew, il-persuna mfittxija kienet diġà tinsab barra mit-territorju tal-Ungerija, il-formulazzjoni tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas ma tinkludi ebda indikazzjoni li tgħid li, f'din is-sitwazzjoni speċifika, jista' jkun hemm eċċezzjoni għar-rekwiżiti previsti f'din id-dispożizzjoni.*

*…*

*49. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas li tgħid li l-mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun neċessarjament ibbażat fuq deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali distinta minn dan il-mandat, li tieħu l-forma, jekk ikun il-każ, ta' mandat ta' arrest nazzjonali, ma tirriżultax biss mit-termini ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll mill-kuntest tagħha u mill-għanijiet imfittxija mid-Deċiżjoni Qafas, li għandhom, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jittieħdu in kunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Lanigan, C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

*…*

*55. Barra minn hekk, l-osservanza tar-rekwiżit previst fl-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas hija ta' importanza partikolari peress li din timplika li, meta l-mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ għall-arrest u għall-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna mfittxija għall-eżerċizzju ta' prosekuzzjoni kriminali, din il-persuna setgħet diġà*

*tibbenefika, fl-ewwel stadju tal-proċedura, mill-garanziji proċedurali u mid-drittijiet fundamentali, li l-protezzjoni tagħhom għandha tiġi żgurata mill-qrati tal-Istat Membru emittenti, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fid-dawl tal-adozzjoni ta' mandat ta' arrest nazzjonali.*

*...*

*58. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar il-fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "mandat ta' arrest", previst f'din id-dispożizzjoni, għandu jinftiehem bħala li jindika mandat ta' arrest nazzjonali distint mill-mandat ta' arrest Ewropew."*

Hija rilevanti wkoll l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Bot, mogħtija fl-isfond ta' din il-kawża:

*"70. Huwa biss billi jiġu sfurzati t-termini tad-dispożizzjoni Ungeriża li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għat-territorju Ungeriż li jkun possibbli li din id-dispożizzjoni tiġi interpretata b'mod li jaqbel mal-imterpretazzjoni tal-Gvern Ungeriż, li tgħid li l-mandat ta' arrest Ewropew għandu n-natura ġuridika ta' mandat ta' arrest nazzjonali fl-Ungerija u n-natura ta' mandat ta' arrest Ewropew fl-Istati Membri l-oħra.*

*71. Madankollu, anki jekk insegwu l-Gvern Ungeriż fl-interpretazzjoni tiegħu, is-sistema ġuridika ta' dan il-mandat li, bħal xi Janus b'żewġt uċuħ, toffri l-wiċċ doppju ta' mandat ta' arrest nazzjonali fit-territorju tal-Istat Membru emittenti u ta' mandat ta' arrest Ewropew fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra tibqa' kkaratterizzata b'ambigwità kbira.*

*72. L-ewwel nett, sa fejn, kif enfasizzajt preċedentement, il-mandat ta' arrest Ewropew huwa strument ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u mhux ordni ta' tfittxija u ta' arrest tal-persuna konċernata fit-territorju tal-Istat Membru emittenti, din is-sistema tiżnatura l-għan tal-mandat ta' arrest Ewropew u ċċaħħdu minn bażi legali.*

*73. It-tieni nett, u bħala konsegwenza, il-persuna mfittxa tiġi b'dan il-mod imċaħħda, fin-nuqqas ta' att li jista' jiġi kkontestat ieħor minbarra l-mandat ta' arrest Ewropew, mill-possibbiltà li tikkuntesta, fl-Istat Membru emittenti, il-legalità tal-arrest u tad-detenzjoni tagħha fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istat. Sa fejn l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija kompetenti biss biex tiddeċiedi fuq il-motivi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni previsti fid-Deċiżjoni Qafas, għalhekk, ikun hemm ir-riskju li aspett sħiħ tal-legalità tal-arrest u tad-detenzjoni ma jkunx suġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju."*

Hekk ukoll, fil-każ riċenti bin-numru C-414/20 PPU li kienet talba għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti Kriminali tal-Bulgarija, fil-proċeduri kriminali kontra MM, tat-13 ta' Jannar 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet hekk:

*"55. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat, bi tweġiba għal talba għal kjarifiki magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, li, minbarra l-mandat ta' preżentazzjoni li jirriżulta mid-digriet tat-8 ta' Awwissu 2019 maħruġ mis-servizzi tal-pulizija, ebda 29mandat ta' arrest nazzjonali ieħor ma nħareġ fil-konfront ta' MM. Il-qorti tar-rinviju tindika b'mod partikolari li ebda ordni meħuda abbażi tal-Artikolu 64(2) tan-NPK ma ġiet adottata fil-konfront ta' MM.*

*56. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi u sa fejn dawn għandhom ikunu eżatti, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, ma jidhirx li l-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu bħala bażi legali mandat ta' arrest nazzjonali jew deċiżjoni ġudizzjarja eżekuttiva li jkollha l-istess effett, kuntrarjament għal dak li jeżiġi l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, b'tali mod li dan il-mandat ta' arrest Ewropew huwa invalidu.*

*...*

*61. Fl-aħħar nett, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, għal dak li jirrigwarda proċedura relatata ma' mandat ta' arrest Ewropew, il-garanzija tal-osservanza tad-*

*drittijiet tal-persuna li tagħha qed tintalab il-konsenja hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru emittenti, li huwa preżunt li jirrispetta d-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan tal-aħħar (sentenzi tat-23 ta' Jannar 2018, Piotrowski, C-367/16, EU:C:2018:27, punt 50, u tas-6 ta' Diċembru 2018, IK (Eżekuzzjoni ta' piena addizzjonali), C-551/18, EU:C:2018:991, punt 66).*

*62. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew tinvolvi protezzjoni fuq żewġ livelli tad-drittijiet proċedurali u tad-drittijiet fundamentali li minnhom għandha tibbenefika l-persuna mfittxija, peress li, mal-protezzjoni ġudizzjarja prevista fl-ewwel livell, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni nazzjonali, bħal mandat ta' arrest nazzjonali, tiżdied dik li għandha tiġi żgurata fit-tieni livell, fil-kuntest tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew, li jista' jseħħ, jekk ikun il-każ, f'termini qosra, wara l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali (sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2019, Parquet général du Grand-Duché de Luxembourg u Openbaar Ministerie (Prosekuturi ta' Lyon u ta' Tours), C-566/19 PPU u C-626/19 PPU, EU:C:2019:1077, punt 59, kif ukoll tat-12 ta' Diċembru 2019, Openbaar Ministerie (Prosekutur tal-Isvezja), C-625/19 PPU, EU:C:2019:1078, punt 38).*

*...*

*67. Għaldaqstant, huma l-Istati Membri li għandhom jiżguraw li l-ordinamenti ġuridiċi tagħhom jiggarantixxu b'mod effettiv il-livell ta' protezzjoni ġudizzjarja meħtieġ mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hekk kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' rimedji li huma jimplimentaw u li jistgħu jvarjaw minn sistema għall-oħra (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, Openbaar Ministerie (Prosekutur tal-Isvezja), C-625/19 PPU, EU:C:2019:1078, punt 43).*

*...*

*71. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-osservanza tal-Karta hija imposta, kif jirriżulta mill-Artikolu 51(1) tagħha, fuq l-Istati Membri u, konsegwentement fuq il-qrati tagħhom, meta dawn jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, li huwa l-każ meta l-awtorità ġudizzjarja emittenti u l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 (sentenza tal-1 ta' Ġunju 2016, Bob-Dogi, C-241/15, EU:C:2016:385, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan għandu jkun il-każ ukoll meta l-kwistjoni tkun tirrigwarda l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jiġi eżerċitat, b'mod dirett jew inċidentali, fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.*

*...*

*77. Minn dan isegwi li, kif osserva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punti 148 u 149 tal-konklużjonijiet tiegħu, peress li l-persuna mfittxija ġiet arrestata u sussegwentement ikkonsenjata lill-Istat Membru emittenti, il-mandat ta' arrest Ewropew, bħala prinċipju, eżawrixxa l-effetti legali tiegħu, bl-eċċezzjoni għall-effetti tal-konsenja espressament previsti fil-Kapitolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, u li, fid-dawl tal-limiti inerenti għall-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew, dan ma jikkostitwixxix titolu ta' detenzjoni tal-persuna mfittxija fl-Istat Membru emittenti."*

Isegwi għalhekk illi meta l-persuna tiġi konsenjata lill-iStat Membru li jkun ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew, il-proċedura hija kompletata u l-effetti tagħha jieqfu hemm. Fil-każ tal-lum, il-mandat ta' arrest Ewropew kien jirrikjedi mandat ta' arrest nazzjonali kemm sabiex jinħareġ u kemm sabiex ir-rikorrent jinżamm arrestat malli wasal lura Malta.

Fil-manwal ippubblikat mill-Kunsill dwar kif għandu jinħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew, ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wkoll insibu li:

"*Madankollu, jibqa' dejjem meħtieġ li tingħata sentenza nazzjonali eżegwibbli jew jinħareġ mandat ta' arrest*

*nazzjonali jew deċiżjoni ġudizzjarja simili qabel u b'mod separat mill-MAE."*

It-Taqsima 2.1.3. tispjega aħjar:

*"L-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti jridu dejjem jiżguraw li jkun hemm deċiżjoni ġudizzjarja domestika eżegwibbli qabel ma joħorġu MAE. In-natura ta' din id-deċiżjoni tiddependi fuq l-iskop tal-MAE. Meta jinħareġ l-MAE bl-iskop ta' prosekuzzjoni, mandat ta' arrest nazzjonali jew kull deċiżjoni ġudizzjarja eżegwibbli li jkollha l-istess effett trid tkun saret mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat Membru emittenti (l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-MAE) qabel ma jinħareġ l-MAE. Ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-241/15 BobDogi li l-mandat ta' arrest nazzjonali jew deċiżjoni ġudizzjarja oħra hija distinta mill-MAE nnifsu. Meta l-MAE jinħareġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni jrid ikun hemm sentenza domestika eżekutorja għal dan il-għan.*

*Kif innotat il-Qorti tal-Ġustizzja f'dak il-każ, is-sistema ta' MAE toffri protezzjoni fuq żewġ livelli għad-drittijiet proċedurali u fundamentali li trid tibbenefika minnhom il-persuna rikjesta — protezzjoni ġudizzjarja pprovduta fuq l-ewwel livell, li fih deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali, bħal mandat ta' arrest nazzjonali, tiġi adottata, u l-protezzjoni li għandha tiġi żgurata fit-tieni livell, li fih jinħareġ MAE. Dik il-protezzjoni ġudizzjarja b'żewġ livelli ma taħdimx f'sitwazzjoni fejn ebda deċiżjoni ġudizzjarja li fuqha jiġi bbażat MAE, ma tkun ingħatat mill-awtorità ġudizzjarja nazzjonali qabel ma jinħareġ il-MAE.*

*...*

*It-terminu "deċiżjoni ġudizzjarja" (li huwa distint mill-MAE) ġie ċċarat ulterjorment mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fil-Kawża Özçelik, fejn ġie konkluż li validazzjoni mill-uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' mandat ta' arrest nazzjonali li nħareġ mill-pulizija, u li fuqu huwa bbażat il-MAE, hija koperta mit-terminu ta' "deċiżjoni ġudizzjarji."*

...

*L-eżistenza ta' deċiżjoni ġudizzjarja domestika jew mandat ta' arrest trid tkun indikata fil-formula tal-MAE meta jinħareġ l-MAE (l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-MAE u ara t-Taqsima 3.2 ta' dan il-Manwal.). Mhux meħtieġ li ddeċiżjoni jew il-mandat jiġu mehmuża mal-MAE."*

Applikati dawn il-prinċipji għal din il-kawża, il-Qorti tqis illi bil-fatt illi r-rikorrent inżamm taħt arrest mingħajr ma kien inħareġ fil-konfront tiegħu mandat ta' arrest nazzjonali, id-detenzjoni tiegħu kienet waħda illegali u għaldaqstant, ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal-libertà kif sanċit permezz tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. B'żieda ma dan illum il-ġurnata qed jiġi leż id-dritt tiegħu għal-libertà tal-moviment kif sanċit permezz tat-tieni artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni in kwantu li ma jistax jingħad illi r-restrizzjoni fuq tluq minn dawn il-Gżejjer saret taħt qafas legali. Il-fatt illi huwa ma kkontestax id-detenzjoni tiegħu mill-ewwel seduta mal-wasla tiegħu lura hawn Malta ma jfissirx b'daqshekk illi huwa rrinunzja għad-drittijiet tiegħu kif donnhom qed jippretendu l-intimati.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll minn leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. L-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

A tenur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea:

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew*

*tas-sigurta nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

Ir-rikorrent jilmenta (i) li l-artikolu 575(4A) tal-Kap. 9 huwa leżiv għaliex huwa bi ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms* u (ii) li l-Qorti Kriminali rrifjutat li tisma' x-xhieda li ried jerġa jressaq qabel ma ċaħdet it-talba tiegħu għal rikonsiderazzjoni tad-digriet tagħha diversament presjeduta tat-30 ta' Settembru 2019.

L-artikolu 575(4A) tal-Kap. 9 jaqra hekk:

*"Meta l-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tagħti l-ħelsien mill-arrest lill-persuna taħt arrest jew fi żmien li jiġi wara temenda l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, id-deċiżjoni tal-qorti f'dak ir-rigward għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali sa mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li tiġi minnufih wara u l-Avukat Ġenerali jista' b'rikors jitlob lill-Qorti Kriminali biex jikseb l-arrest mill-ġdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-persuna li tkun ġiet hekk meħlusa jew biex jemenda l-kondizzjonijiet, inkluż l-ammont li jitħallas bħala garanzija, li setgħu ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Maġistrati."*

Proprju dwar l-artikolu 575(4A) tal-Kap. 9, fis-sentenza ta' Alfred Degiorgio et vs Avukat tal-Istat, tat-23 ta' Marzu 2021, din il-Qorti diversament presjeduta ddikjarat:

*"Issa fil-kaz odjern jirrizulta li huwa minnu li fit-termini tal-artikolu 575 (4A), kif già riportat aktar il' fuq l-Avukat Generali, ghandu dritt ta' appell wara li jigi milqugh rikors ghall-helsien mill-arrest filwaqt li imputat/akkuzat m'ghandux dan id-dritt f'kaz li t-talba tigi michuda. L-Avukat tal-Istat izda jargumenta li dan in-nuqqas huwa kumpensat mill-istess ligi li tawtorizza lill-imputat / akkuzat li fi kwalunkwe stadju tal-proceduri jipprezenta talba ghall-helsien mill-arrest kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati f'kaz li l-process ikun jinsab rinvijat ghandha jew quddiem il-Qorti Kriminali. Jenfasizza wkoll li ma hemmx limitu ghal*

*kemm-il darba tista' tigi ntavolata din it-talba. Ukoll il-ligi timponi fuq il-Qorti sabiex tanalizza l-validità tal-kontinwità ta' arrest preventiv kull hmistax-il gurnata.*

*Il-Qorti rat mill-atti li r-rikorrenti, ghalkemm fil-ligi ma ghandhom l-ebda dritt ta' appell minn rifjut ta' talba ghall-helsien mill-arrest, huma ghamlu uzu ferm ampju mid-dritt moghti lilhom fil-ligi li jintavolaw diversi talbiet ghall-ghoti ta' helsien mill-arrest. Fil-fatt jirrizulta fl-atti li dahlu mill-anqas tmien talbiet fl-atti tal-omicidju uhud minnhom dahlu l-ghada li jkun gie rifjutat ir-rikors precedenti. Jirrizulta wkoll li dawn it-talbiet marru quddiem diversi gudikanti skont il-process fejn ikun u wkoll l-istadju tal-proceduri.*

*Il-Qorti wara li ezaminat l-atti, l-ligi in konsiderazzjoni u dak li jinghad mill-Qorti Ewropea tqis li ghandha taqbel ma' dak espost mill-Avukat tal-Istat. Fl-ewwel lok il-Qorti Ewropea wkoll tikkonferma li d-dritt ghal smigh xieraq mhux neccessarjament jinkludi dritt ta' appell f'kull cirkustanza. Fit-tieni lok, ghalkemm huwa minnu li l-ligi ma tipprovdix ghal appell lill-imputat/akkuzat la minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati u lanqas tal-Qorti Kriminali fuq cahda ghal-libertà provizorja u dan in-nuqqas prima facie jista' jidher li jipprovdi zbilanc kontra l-istess imputat/akkuzat, l-Qorti tqis li dan in-nuqqas huwa sew bilancjat mid-dritt tal-imputat/akkuzat li jerga' jintavola rikors gdid fi kwalunkwe mument tal-proceduri kif effettivament jirrizulta li ghamlu r-rikorrenti. Ghalhekk jirrizulta li huwa ferm importanti li f'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti tqis l-istampa wiesa' tal-procedura kollha u mhux biss is-sub-artikolu partikolari li fuqha qed iressqu l-ilment ir-rikorrenti.*

*Ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tqis ukoll li l-ilment tar-rikorrenti abbazi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll mhux gustifikat."*

Il-Qorti taqbel ma' din il-linja ġurisprudenzjali u ma tarax li hemm lok li żżid aktar mal-prinċipji suesposti li tagħmel tagħha. L-artikolu in kwistjoni mhuwiex leżiv tal-prinċipju tal-*equality of arms* sempliċiment għaliex ir-rikorrent m'għandux l-istess drittijiet tal-Avukat Ġenerali biex f'dan il-każ jirrikorri quddiem

il-Qorti Kriminali. Filwaqt illi huwa minnu li huwa l-Avukat Ġenerali biss li jista' jagħmel talba lill-Qorti Kriminali taħt dan l-artikolu, huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea li regoli tal-proċeduri ta' din ix-xorta ma jistgħux jitqiesu bħala restrizzjonijiet fuq id-dritt għall-aċċess għall-Qorti u lanqas li jmorru kontra l-prinċipju tal-*equality of arms*.

Fuq kollox, ir-rikorrent jista' jressaq kemm il-talba jrid quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tisma' l-każ tiegħu, kif fil-fatt għamel. Ir-rikorrent saħansitra talab lill-Qorti Kriminali sabiex tikkunsidra mill-ġdid id-digriet tagħha diversament presjeduta u allura żgur illi ma jistax jingħad illi mhuwiex jiġi rispettat il-prinċipju tal-*equality of arms* jew aċċess għall-Qorti fil-każ tar-rikorrent.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li ma tismax mill-ġdid ix-xhieda li ddeponew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qabel ma ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tirrikonsidra d-digriet tagħha diversament presjeduta tat-30 ta' Settembru 2019. Il-Qorti Kriminali qieset illi ma kellhiex għalfejn terġa tisma' dawn ix-xhieda biex tiddeċiedi jekk għandhiex tirrevoka d-digriet tagħha preċedenti.

B'dan l-ilment tiegħu, ir-rikorrent qiegħed sempliċiment jistieden lil din il-Qorti tidħol fil-mertu tad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali. Madanakollu, il-funzjoni ta' din il-Qorti mhijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Il-proċeduri kostituzzjonali u dawk taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri. Id-dritt għas-smigħ xieraq jiggarantixxi l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-Qorti trid tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.

Fi kwalunkwe każ, il-fatt waħdu li l-Qorti Kriminali ħasset li ma kellhiex għalfejn terġa tisma' xhieda li kienu digà xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex tasal ghal deċiżjoni ma jfissirx li r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq.

Ir-rikorrent iqajjem ukoll il-kwistjoni tad-dewmien tal-proċeduri kriminali. Din tal-lum mhijiex l-ewwel kawża kostituzzjonali

għamel ir-rikorrent sabiex jattakka l-proċeduri kriminali *de quo*. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Lulju 2020, fil-kawża fl-ismijiet Patrick Spiteri vs Avukat Ġenerali et, il-Qorti Kostituzzjonali, wara li qieset bir-reqqa l-atti tal-proċeduri kriminali li dwarhom qed jilmenta r-rikorrent, ma rriskontrat l-ebda dewmien partikolari imputabbli lill-Prosekuzzjoni, u dwar il-perjodu wara li r-rikorrent inġieb lura Malta, għalkemm kien hemm seduti fejn m'attendiex l-Uffiċjal Prosekutur, qalet hekk:

> *"Però ma jidhirx li l-preżenza tiegħu kienet ser tagħmel xi differenza sinifikanti għall-progress tal-kawża. L-attur ma jsemmix il-kwistjonijiet li qala' minn Ottubru 2017 mingħajr ma ressaq prova waħda jew għamel kontro-eżami. Kwistjonijiet li ovvjament kienu jfissru li jridu jingħataw provvedimenti u jiġu eżaminati ammont konsiderevoli ta' atti. Kwistjonijiet li nqalgħu proprju minħabba li waqt il-kawża kriminali telaq minn Malta mingħajr ma talab il-permess tal-Qorti u li wasslu għall-proċeduri ta' estradizzjoni bid-diffikultajiet kollha li ġabu magħhom. Saħansitra kien hemm ukoll okkazjoni meta l-prosekuzzjoni u l-attur talbu lill-Qorti sabiex tagħti differiment fil-bogħod. Fil-fatt il-Qorti tat differiment ta' ħames xhur, u wara l-attur bidel l-istrateġija u lejliet is-seduta għamel rikors fejn talab li ssir referenza kostituzzjonali. Atteġġament li jkompli juri li l-attur qiegħed jikkontribwixxi bis-sħiħ sabiex il-proċeduri kriminali jkomplu jitwalu, għad-detriment ukoll tal-konjuġi Clarke li tnax-il sena wara li bdew il-proċeduri kriminali għad m'għandhom l-ebda idea meta l-proċeduri kriminali ser jintemmu."*

Mehud kollox in konsiderazzjoni, ma jirriżultax li l-proċeduri kriminali in kwistjoni ġew imtappna minn xi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq.

Finalment għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, ir-rikorrent qed jitlob it-tħassir ta' kull deċiżjoni li permezz tagħha huwa nżamm arrestat hawn Malta dwar l-allegati reati mertu tal-kawża 798/2008 u konsegwentement, it-tħassir tal-kundizzjonijiet kollha imposti fuqu mill-Qrati Maltin għall-otteniment tal-ħelsien tiegħu mill-arrest. Fi ftit kliem, ir-

rikorrent qiegħed jitlob lil Qorti tneħħi kull restrizzjoni sabiex huwa jkun jista’ jsiefer.

Wara li ħasbet fit-tul, il-Qorti tqis illi għalkemm id-detenzjoni tar-rikorrent bejn Mejju u Diċembru 2017 ma kienitx ġustifikata, anzi kienet waħda illegali u minkejja wkoll li llum il-ġurnata qed jiġi mittiefes id-dritt tar-rikorrent għal libertà tal-moviment peress illi l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest huma nieqsa minn bażi legali, it-tħassir ta’ kull kundizzjoni imposta mill-Qrati Kriminali li tillimita l-libertà tal-moviment tar-rikorrent mhijiex meqjusa fl-aħjar interess tal-ġustizzja tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ.

M’għandhiex tkun din il-Qorti li tiddeċiedi jekk ir-rikorrent jistax jitlaq minn dawn il-Gżejjer waqt illi għadhom pendenti l-proċeduri kriminali wara li għeb għal kważi tlett snin u li kieku kellha tilqa’ t-talba tar-rikorrent, proprju hekk tkun qiegħda tagħmel.

Madanakollu, xejn ma jnaqqas mill-fatt illi l-intimati ma jistgħux aktar jistrieħu fuq il-mandat ta’ arrest Ewropew bħala l-bażi tal-ħelsien mill-arrest kundizzjonata tar-rikorrent u għaldaqstant, il-Qorti sejra tordnalhom jirregolaw ruħhom fir-rigward quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, fi żmien ghoxrin jum mid-data ta’ din is-sentenza.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tiddikjara li ġie leż d-dritt fundamentali tar-rikorrent għal-libertà kif sanċit permezz tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea meta nżamm taħt arrest f’Malta bis-saħħa tal-mandat ta’ arrest Ewropew;

2. Tiddikjara li qiegħed jiġi leż id-dritt tar-rikorrent għal-libertà tal-moviment sanċit permezz tat-tieni artikolu tar-Raba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba li r-restrizzjonijiet ma sarux bis-saħħa ta’ mandat ta’ arrest nazzjonali;

3. Tiċħad il-bqija tat-talbiet tar-rikorrent għar-rimedju kif

mitlub;

4. Tordna lill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija jirregolaw ruħhom fi żmien ghoxrin (20) jum mil-lum fid-dawl ta' dak deċiż permezz ta' din is-sentenza;

5. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tiġi inserita fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri** (798/08).

L-ispejjeż tal-kawza jitħallsu kwantu għal nofs mir-rikorrent u nofs mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG